**15 ta' Jannar, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Julian Bonello proprio et nomine

*versus*

Angelo Galea

**Kollizjoni — Kjamata fil-Kawża.**

*F'każ ta' kollizjoni il-Qorti meta tiġi biex teżamina u tiddeċiedi il-kwistjoni tar-responsabbilita' għandha tieħu in konsiderazjoni l-fatt uniku u inseparabbli tal-kollizjoni li fiha ħadu parti l-awturi tagħha għaliex inkella il-kawża ma tkunx tista jkollha riżultament leġittimu u utili fl-assenza ta' wiehed mill-leġittimi kontradituri li kien parti fil-kollizjoni.*

*Hija opinjoni prevalenti li l-kjamata fil-kawża tista issir biss meta min jagħmel il-kawża ma kienx jaf mill-bidu li kien interessata fil-kawża dik il-persuna li wara huwa jitlob is-sejħa tagħha fil-kawża.*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi fl-10 ta' Mejju, 1963, fit-3.10 p.m. f'Our Lady Of Sorrows Street Pieta', saret kollizjoni bejn il-ċar numru 19237 proprieta' tal-attur li kienet misjuqa min Emanuel Cassar u t-truck numru 25882 misjuq mill-konvenut; u peress illi din il-kollizzjoni ġrat minħabba nuqqas ta' għaqal, imperizija u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut; peress illi minħabba din il-kollizzjoni l-attur sofra

danni ammontanti għal mija u disgħin lira u erba xelini (£190.4.0.) kwantu għal £130.4.0. ħsara fil-karozza u kwantu għal £60 telf ta' qliegħ billi il-karozza damet 60 ġurnata wieqfa — talab li għarr-raġunijiet premessi din il-Qorti (1) issib il-konvenut responsabbli għal kollizzjoni u kwistjoni; (2) tillikwida d-danni favur l-attur fis-somma fuq imsemmija ta' mija u disgħin lira u erba xelini (£190.4.0) jew somma oħra verjuri li tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni bl-ispejjeż kontra l-konvenut inkużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Lulju, 1963.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu, kif ukoll id-dokument (dok. A) minnu esibit;

Rat li ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenut li naqas jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-attur tat-18 ta' Diċembru, 1963, fejn talab il-kjamata fil-kawża ta' Emmauele Cassar; u d-degriet tagħha tas-19 ta' Diċembru, 1963 fejn il-Qorti rriservat li tipprovdi fl-ewwel udjenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħat l-Avukat tal-attur;

Ikkunsidrat:

Li mill-premessi taċ-ċitazzjoni, konfermata mix-xiedha tal-attur jirriżulta li dik in-nhar tal-kolliżżjoni l-karozza li iġġib in-numru 19237 kienet mikrija mill-attur lill-Emmanuele Cassar, li mhux parti fil-kawża;

Ikkunsidrat, fuq it-talba tal-kjamata fil-kawża tal-imsemmi Emmanuele Cassar;

Li, qabel xejn, għandhu jiġi rilevat li l-konvenut huwa kontumaċi u li għalhekk, dina l-Qorti għandha tikkunsidrah bħala parti li qiegħed jikkontesta, fis-sens li hija tenuta li tidħol fl-indaġini tal-materja in kontestazzjoni, bil-konsegwenzi legali kollha li dina l-indaġini ġġib magħha;

Ikkunsidrat:

Li, mhux kontestat, li l-kollizzjoni saret bejn it-truck numru 25882 misjuq mill-konvenut u l-karrozza tal-attur li kienet mikrija lill imsemmi Cassar; u li għalhekk, meta dina il-Qorti tiġi biex teżamina u tiddeċiedi il-kwistjoni tar-responsabbilita' għandha tieħu in konsiderazzjoni l-fatt uniku u inseparabbli tal-kollizzjoni, li fiha ħadu parti l-awturi tagħha, għaliex inkella fil-fehma ta' dina l-Qorti, il-kawza ma tkunx tista jkollha riżultament leġittimu u utili fl-assenza ta' wieħed mill-leġittimi kontradittur li kien parti fil-kollizzjoni (ara Sent. P.A. 15/XII) 1960 in re "Joseph Mifsud vs. Joseph Agius).

Ikkunsidrat:

Li dana mhux il-każ ta' azzjoni ta' riżarċiment ta' danni kontra min ikkaġunahom fil-karrozza lilu mikrija, mingħajr ma kienet involuta terza persuna, għaliex f'dana il-każ id-debitur tad-danni għandhu relazzjoni esklusiva u diretta ma' sid il-karrozza, u dana jaf lilu biss, mentri fil-każ in deżamina, il-konvenut huwa persuna aliena għall-attur, u dana intant għandhu jirrispondi għal pretensjoni tiegħu, in kwantu dina tiddependi mill-aċċertament tar-

responsabilita' ta' kull min ħa parti bil-kollizzjoni, li fiha huma kollha prinċipalment interessati;

Ikkunsidrat:

Li hija opinjoni prevalenti li l-kjamata fil-kawża tista issir biss meta min jagħmel il-kawża ma kienx jaf mill-bidu li kien hemm interessata fil-kawża dik il-persuna li wara huwa jitlob is-sejħa tagħha fil-kawża. (Collez. XXX, 1,1,; XXXIII, 11, 391; XXXIV, 522) App. Gpa. Farrugia vs Gpe. Farrugia 2/3/56);

Ikkunsidrat:

Li huwa veru li skond l-art: 960 tal-Proċedura Ċivili l-intervent fil-kawża quddiem l-ewwel instanza jista jiġi ordnat permezz ta degriet fuq talba jew anke mingħajr talba tal-partijiet, iżda dak l-Artikolu tal-liġi jikkontempla l-ipotesi li fil-kors tal-ġudizju tiġi rikonoxuta il-ħtieġa li terza persuna tkun imsejħa fil-kawża bħala interessata fl-eżitu tagħha; iżda il-ħtieġa tal-presenza fil-kawża ta' Cassar kienet teżisti mill-bidu għaliex l-attur kien jaf mill-bidu li Cassar kien interressat fl-eżitu tal-ġudizzju u għalhekk dana d-difett ma jistgħax jiġi sanat, illum, bis-sejħa fil-kawża ta' Emmanuele Cassar, u konsegwentement, tiċħad it-talba relativa bl-ispejjeż kontra l-attur;

Ikkunsidrat:

Li l-kawża ma tistgħax timxi 'il quddiem għaliex tonqos il-presenza ta' waħda mill-partijiet prinċipalment interessati fl-esitu tagħha.

Għal dawna r-raġunijiet:

Tiddeċiedi fil-kontumaċja tal-konvenut billi tiċħad it-talba tal-attur għal kjamata fil-kawża magħmula bir-rikors fuq riferit, u billi tiddikjara li l-ġudizju mhux integru għaliex Emmanuele Cassar ma ġiex imħarrek u tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-ġudizju bl-ispejjeż kontra l-attur.